VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,918, 12 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 357 tal-2017

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Taqsima A Tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda, għandu jidħol dan li ġej:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"α-PVP	1-phenyl-2-(1-pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one
4,4'-DMAR	4-methyl-5-(4-methylphenyl)-4,5-dihydro-1,3-oxazol-2-amine
Methoxetamine	2-(ethylamino)-2-(3-methoxyphenyl)cyclohexanone".